IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 10.10.2024
COM(2024) 650 final

2024/0252 (BUD)

ABBOZZ TA' BAĠIT EMENDATORJU Nru 5
GĦALL-BAĠIT ĠENERALI 2024

Aġġustamenti fil-pagamanti ta' approprjazzjoni, aġġornament tad-dħul u aġġornamenti tekniċi oħra

Wara li kkunsidrat:

– it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 314 tiegħu, flimkien mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,

– Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 tal-14 ta' Diċembru 2020 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea[1], li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2021,

– Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni)[2], u b'mod partikolari l-Artikolu 44 tiegħu,

– il-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2024, kif adottat fit-22 ta' Novembru 2023[3],

– baġit emendatorju Nru 1/2024[4], adottat fil-25 ta' April 2024,

– baġit emendatorju Nru 2/2024[5], adottat fil-25 ta' April 2024,

– abbozz ta' baġit emendatorju Nru 2/2024[6], adottat fid-9 ta' April 2024,

– abbozz ta' baġit emendatorju Nru 4/2024[7], adottat fid-19 ta' Lulju 2024,

Il-Kummissjoni Ewropea b'dan tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 5 għall-baġit tal-2024.

BIDLIET FID-DIKJARAZZJONI TAD-DĦUL U N-NEFQA SKONT IT-TAQSIMA

Il-bidliet fid-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul u fit-taqsima III individwali huma disponibbli fuq EUR-Lex (https://eur-lex.europa.eu/budget/www/index-mt.htm).

1 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 tal-14 ta' Diċembru 2020 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea u li tħassar id-Deċiżjoni 2014/335/UE, Euratom, ĠU L 424, 15.12.2020.
2 ĠU L, 2024/2509, 26.09.2024, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj.
3 ĠU L, 2024/207, 22.2.2024, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/budget/2024/207/oj
4 ĠU L, 2024/1430, 5.6.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/budget_suppl_amend/2024/1430/oj.
5 ĠU L, 2024/1509, 18.6.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/budget_suppl_amend/2024/1509/oj.
6 COM(2024) 920, 9.4.2024.
7 COM(2024) 931, 19.7.2024.

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. INTRODUZZJONI

L-iskop tal-Abbozz ta' Baġit Emendatorju (ABE) Nru 5 għas-sena 2024 huwa li jaġġorna kemm in-naħa tan-nefqa kif ukoll dik tad-dħul tal-baġit.

Il-bidliet proposti fuq in-naħa tan-nefqa tal-baġit jikkonċernaw l-elementi li ġejjin:

1. Żieda fil-livell ta' approprjazzjonijiet ta' pagament għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) għal ammont totali ta' EUR 2.9 biljun, inkluż fir-rigward tar-riprogrammazzjoni relatata mal-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP, Strategic Technologies for Europe Platform). Dawn l-ammonti ma setgħux jiġu inklużi fir-riallokazzjonijiet proposti fit-"Trasferiment globali" (DEC 11/2024) ippreżentati lill-Parlament u lill-Kunsill fit-3 ta' Ottubru 2024;
2. Aġġornament tal-ħtiġijiet għall-Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli (SFPAs, Sustainable Fisheries Partnership Agreements), filwaqt li jitqies li diversi ftehimiet u l-protokolli relatati mhux se jiġu konklużi fl-2024;
3. Żieda fl-approprjazzjonijiet, marbuta mal-aktar stimi reċenti għall-aġġornament tar-remunerazzjoni, kif ġej:

   Intestatura 7

   - Żieda fil-livell tan-nefqa amministrattiva għall-Kumitat tar-Reġjuni b'EUR 1,3 miljun;
   - Żieda ta' EUR 67,2 miljun għall-pensjonijiet tal-istituzzjonijiet kollha, anke minħabba għadd akbar ta' benefiċjarji tal-pensjoni;
   - Għall-Kummissjoni u l-Istituzzjonijiet l-oħra, l-impatt tal-aġġornament ogħla milli mistenni tar-remunerazzjoni se jkun kopert minn riallokazzjonijiet interni;

   Barra mill-Intestatura 7

   - Żieda fil-kontribuzzjoni tal-UE għal diversi aġenziji deċentralizzati bi EUR 12,1 miljun. Ħtiġijiet addizzjonali oħra se jiġu koperti bil-mobilizzazzjoni tal-approprjazzjonijiet li fadal u l-flessibbiltajiet inkorporati.
4. Aġġustament tal-kontribuzzjoni tal-UE għal diversi aġenziji deċentralizzati marbuta mal-implimentazzjoni jew raġunijiet speċifiċi oħra, kif ġej:
   - Żieda fil-kontribuzzjoni tal-UE lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL) b'EUR 1 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn biex issaħħaħ iċ-ċibersigurtà tagħha, ikkumpensata minn tnaqqis tal-Fond għas-Sigurtà Interna (ISF, Internal Security Fund);
   - Żieda fil-kontribuzzjoni tal-UE lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA) bi EUR 17-il miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn. Wara implimentazzjoni aktar baxxa milli ppjanat, dan jista' jiġi kkumpensat bi tnaqqis tal-kontribuzzjoni tal-UE lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil (EUAA, European Union Agency for Asylum).
   - Tnaqqis fl-approprjazzjonijiet ta' impenn allokati lill-Awtorità għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus (AMLA, Anti-Money Laundering Authority) minħabba l-ħtiġijiet riveduti għall-approprjazzjonijiet fl-ewwel sena tal-istabbiliment tagħha, wara dewmien fir-reklutaġġ.
   - Redditu ta' EUR 2,8 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament għall-programm LIFE. Minħabba d-dewmien fl-adozzjoni tal-Pakkett ta' Tniġġis Żero, l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA, European Chemicals Agency) u l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA, European Environment Agency) mhux se jkollhom bżonn l-approprjazzjonijiet korrispondenti.

5. L-introduzzjoni tat-traduzzjoni awtomatika wasslet għal iffrankar sinifikanti f'xi operazzjonijiet tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, li jippermetti t-tnaqqis tal-livell ta' approprjazzjonijiet ta' impenn tal-linja baġitarja rilevanti.
6. Aġġustament tan-nomenklatura baġitarja kemm fuq in-naħa tan-nefqa kif ukoll fuq in-naħa tad-dħul u rimarki wara l-adozzjoni tal-proposta għall-Mekkaniżmu ta' Kooperazzjoni ta' Self għall-Ukrajna (ULCM, Ukraine Loan Cooperation Mechanism)[8].

B'mod ġenerali, l-impatt nett ta' dan l-ABE fuq in-nefqa jammonta għal żieda ta' EUR 44,5 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' EUR 2 954,8 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament.

Fuq in-naħa tad-dħul, dan l-ABE jinkorpora EUR 2 815 miljun ta' multi definittivi u pagamenti ta' penali mħallsa sat-30 ta' Settembru 2024. B'riżultat ta' dan, l-impatt globali fuq in-naħa tad-dħul huwa żieda netta fil-kontribuzzjonijiet tal-ING ta' EUR 139,9 miljun.

2. AĠĠORNAMENT TAL-PARTITI TAN-NEFQA

2.1 Żieda fil-ħtiġijiet fl-approprjazzjonijiet ta' pagament

It-"Trasferiment globali" huwa eżerċizzju annwali organizzat fi ħdan il-Kummissjoni li għalih id-Direttorati Ġenerali u s-Servizzi kollha huma mitluba jirrevedu sa kmieni f'Settembru l-implimentazzjoni tal-pagamenti rispettiva tagħhom tal-baġit attwali sal-aħħar tas-sena kkonċernata. Dan l-eżerċizzju għandu l-għan li jkopri l-ħtiġijiet eżatti u jiżgura l-implimentazzjoni massima tal-baġit f'approprjazzjonijiet ta' pagament fi tmiem is-sena billi jqabbel il-ħtiġijiet addizzjonali mas-sottoimplimentazzjoni mistennija. B'riżultat ta' dan, tiġi ppreżentata talba *ad hoc* għal trasferiment kull sena lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill skont l-Artikolu 31 tar-Regolament Finanzjarju.

L-eżerċizzju ta' "Trasferiment globali" wera li l-baġit ivvutat li jifdal u d-dħul assenjat disponibbli mhux se jkunu biżżejjed biex ikopru l-ħtiġijiet ta' pagament stmati sa tmiem is-sena għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), inkluż b'mod partikolari fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP). Għalhekk, il-Kummissjoni tipproponi li ssaħħaħ il-programmi tal-FEŻR kif ġej:

- **Programmi 2021–2027**

F'konformità mar-Regolament STEP[9], li daħal fis-seħħ f'Marzu 2024, l-Istati Membri talbu emendi għall-programmi ta' koeżjoni tagħhom biex jinkorporaw il-prijoritajiet ta' STEP, li jibbenefikaw minn prefinanzjament eċċezzjonali ta' 30 % tal-allokazzjoni għall-prijoritajiet ta' STEP, li jammontaw għal EUR 1,4 biljun. Il-pagament ta' dan il-prefinanzjament huwa obbligu legali li ma ġiex ikkunsidrat matul l-adozzjoni tal-baġit tal-2024, peress li r-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-QFP kienet għadha ma ġietx maqbula. Inkella, il-previżjonijiet ta' Lulju mill-Istati Membri jikkonfermaw li l-baġit tal-2024 se jiġi eżegwit bis-sħiħ.

- **Tlestija ta' programmi u ta' attivitajiet preċedenti**

Ir-Regolament STEP introduċa wkoll l-għażla għal kofinanzjament volontarju ta' 100 % għan-nefqa ddikjarata f'applikazzjonijiet għal pagament ippreżentati matul is-sena kontabilistika mill-1 ta' Lulju 2023 sat-30 ta' Ġunju 2024. Barra minn hekk, dan jinkludi limitu massimu ta' 1 % fuq il-pagamenti interim fl-2025, li kien inċentiv għall-Istati Membri biex jissottomettu l-applikazzjonijiet għall-pagament tagħhom aktar kmieni fl-2024. Il-kombinazzjoni ta' dawn iż-żewġ fatturi aċċellerat b'mod

[8] COM(2024) 426 final.
[9] ĠU L, 2024/795, 29.2.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/795/oj.

sinifikanti s-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet għall-pagament. F'konformità mal-previżjonijiet ta' Lulju, dan se jirriżulta fi ħtiġijiet ta' pagament addizzjonali ta' EUR 1,5 biljun għall-2024.

Iż-żieda dettaljata fl-approprjazzjonijiet ta' pagament mitluba f'dan l-ABE 5/2024 tinsab hawn taħt:

EUR

Linja baġitarja	Isem	Approprjazzjoni jiet ta' impenn	Approprjazzjoni jiet ta' pagament
05 02 01	FEŻR — Nefqa operazzjonali	0	1 400 000 000
05 02 99 01	Tlestija tal-FEŻR — Nefqa operazzjonali (qabel l-2021)	0	1 500 000 000
Total		**0**	**2 900 000 000**

2.2 Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli (SFPAs)

Il-Kummissjoni tinnegozja, tikkonkludi u timplimenta Ftehimiet bilaterali ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli (SFPAs) bejn l-Unjoni Ewropea u pajjiżi terzi sħab. Peress li bosta minnhom kienu għadhom soġġetti għal negozjati meta ġie stabbilit il-baġit tal-2024, ammont ta' EUR 49,9 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u EUR 25,8 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament jibqa' disponibbli fil-forma ta' riżervi biex ikopru l-ftehimiet u l-protokolli fir-rigward tas-sajd bejn l-Unjoni u l-gvernijiet ta' pajjiżi terzi sħab speċifiċi li għadhom ma ġewx adottati, f'konformità mal-Artikolu 49 tar-Regolament Finanzjarju u mal-punt 20 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020[10].

Filwaqt li kkunsidrat l-istatus tan-negozjati dwar il-protokolli futuri:

- In-negozjati ma' São Tomé u Príncipe se jibdew fl-1 ta' Ottubru 2024 filwaqt li n-negozjati mal-Gżejjer Cook huma mistennija li jibdew matul ir-raba' trimestu tal-2024. Madankollu, l-iffirmar tal-protokolli l-ġodda mhuwiex mistenni qabel l-ewwel trimestru tal-2025;
- In-negozjati mal-Kosta tal-Avorju huma konklużi. Il-protokoll il-ġdid huwa mistenni li jiġi ffirmat matul l-ewwel trimestru tal-2025, ladarba l-proċeduri interni jiġu konklużi.

Fir-rigward tal-approprjazzjonijiet li fadal fir-riżerva, l-ebda wieħed mill-protokolli mal-Angola, il-Guinea, .il-Liberja, il-Marokk u s-Senegal mhu se jiġi konkluż din is-sena:

- Għall-Marokk, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawżi magħquda C-778/21 P *Il-Kummissjoni vs Front Polisario* u C-798/21 P *Il-Kunsill vs Front Polisario* tal-4 ta' Ottubru 2024 kellha impatt fuq l-iskeda tan-negozjati;
- Għall-Angola, il-Guinea, il-Liberja u s-Senegal, id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar il-ftuħ ta' negozjati għal protokoll ġdid għadhom ma ġewx adottati.

Il-Kummissjoni għalhekk tipproponi li tikkanċella l-ammont li mhux se jkun meħtieġ fl-2024. Dan jikkorrispondi fi EUR 32,9 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u EUR 25.8 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament, kif ġej:

EUR

Linja baġitarja	Isem	Approprjazzjoni jiet ta' impenn	Approprjazzjoni jiet ta' pagament
30 02 02	Approprjazzjonijiet differenzjati (Riżerva għall-artikolu baġitarju 08 05 01)	– 32 857 566	– 25 750 000
Total		**– 32 857 566**	**– 25 750 000**

[10] ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 28–46, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2020/1222/oj.

2.3 Aġġustamenti marbuta ma' aġġustament ogħla tas-salarji għall-2024

2.3.1 Amministrazzjoni Pubblika Ewropea (Intestatura 7)

F'dan l-ABE 5/2024, il-Kummissjoni tipproponi aġġustamenti għall-intestatura 7 "Amministrazzjoni Pubblika Ewropea" fir-rigward tal-impatt taż-żieda fl-aġġustament tas-salarji fuq in-nefqa amministrattiva. Issa huwa previst aġġornament totali ta' + 7,2 %[11] fl-2024, li jwassal għal aġġornament residwu ta' + 4,1 %, minbarra l-ewwel aġġornament ta' + 3,0 % mill-1 ta' Jannar, filwaqt li l-baġit tal-2024 tfassal fuq is-suppożizzjoni ta' aġġornament ta' + 3,4 % li għandu jiġi applikat b'mod retroattiv mill-1 ta' Lulju 2024. Barra minn hekk, huwa meħtieġ aġġustament għal għadd akbar ta' benefiċjarji ġodda tal-pensjoni meta mqabbel mal-istimi meta ġie stabbilit il-baġit tal-2024.

Nefqa amministrattiva tal-Istituzzjonijiet

Mid-dħul fis-seħħ tar-Regolamenti tal-Persunal[12] riveduti fl-2014, il-livell tal-aġġornament tas-salarji u tal-pensjonijiet għall-persunal tal-istituzzjonijiet u l-aġenziji kollha tal-UE huwa bbażat fuq metodoloġija mhux diskrezzjonali li tinkludi żewġ elementi. L-ewwel element huwa l-evoluzzjoni netta tal-kapaċità tal-akkwist tal-ħaddiema taċ-ċivil nazzjonali minn grupp ta' 10 Stati Membri[13], li jirrappreżenta mill-inqas 75 % tal-PDG tal-UE. Dan jikkostitwixxi l-Indikatur Speċifiku Globali (GSI, Global Specific Indicator). It-tieni element — l-Indiċi Konġunt (JI, Joint Index) — iqis l-inflazzjoni fi Brussell u fil-Lussemburgu. L-awtomatiċità tal-metodu tal-aġġornament tas-salarji tiżgura li s-sistema tirrifletti kemm l-avvenimenti fl-ekonomija reali kif ukoll id-deċiżjonijiet mill-Istati Membri kif ikkonfermat mill-Eurostat bi qbil mal-istituti nazzjonali tal-istatistika.

Fil-baġit tal-2024, ir-rata ta' aġġornament annwali tas-salarji prevista li għandha tiġi applikata retroattivament mill-1 ta' Lulju 2024 kienet ta' 3,4 % (impatt ta' 6 xhur). Din ir-rata ġiet ikkalkulata mis-servizzi tal-Kummissjoni f'Novembru 2023, abbażi tal-evoluzzjoni stmata tal-kapaċità tal-akkwist u l-għoli tal-ħajja għall-perjodu ta' referenza (1.7.2023–30.6.2024), skont il-metodu preskritt fir-Regolamenti tal-Persunal.

L-aħħar stima disponibbli dwar l-evoluzzjoni tal-kapaċità tal-akkwist fl-Istati Membri tal-kampjun turi żieda ta' 3,2 %, filwaqt li l-indiċi konġunt tal-Belġju u tal-Lussemburgu (JBLI, joint Belgium and Luxembourg Index) għall-perjodu rilevanti (+ 5,1 %) huwa ogħla b'mod sinifikanti milli kien previst oriġinarjament. Għalhekk, l-aġġornament totali tas-salarji li għandu jiġi applikat fl-2024 għandu jilħaq + 7,2 %[14]. Wara l-aġġornament intermedju ta' 3,0 %, se jiġi applikat aġġornament tas-salarju residwu ta' 4,1 %[15] mill-1 ta' Lulju 2024. Ir-rata ta' aġġornament ta' 1,2 % hija differita għall-1 ta' April 2025, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-"klawżola ta' moderazzjoni" f'konformità mal-Artikolu 10 tal-Anness XI tar-Regolamenti tal-Persunal.

F'konformità mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Anness XI tar-Regolamenti tal-Persunal, ir-rapport tal-Eurostat se jinħareġ fil-31 ta' Ottubru 2024 u se jistabbilixxi l-aġġustament tar-remunerazzjoni netta nominali tal-uffiċjali tal-UE fi Brussell u fil-Lussemburgu b'effett minn Lulju 2024, bl-għan li jinżamm żvilupp parallel tal-kapaċità tal-akkwist mal-impjegati taċ-ċivil fl-Istati Membri.

11 1,030*1,041=1,072

12 ĠU 45, 14.6.1962, p.1385, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/1962/31(1)/oj.

13 BE, DE, ES, FR, IT, LU, NL, AT, PL, SE.

14 1,020*1,051=1,072.

15 1,072/1,030=1,041.

Abbażi tar-rapport tal-Eurostat, ir-rapport tal-Kummissjoni[16] lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew imbagħad jiġi adottat f'Novembru. Peress li dan ikun tard wisq biex jiġi propost formalment baġit emendatorju wara li tiġi ffinalizzata r-rata ta' aġġornament, huwa xieraq li tiġi rieżaminata s-sitwazzjoni fid-dawl tal-aħħar previżjonijiet disponibbli. Għalhekk, skont il-prinċipji baġitarji ta' ġestjoni finanzjarja tajba u l-preċiżjoni baġitarja, proposta biex jiżdiedu l-approprjazzjonijiet baġitarji relatati mas-salarji u l-pensjonijiet hija ġġustifikata.

Il-Kummissjoni għamlet kull sforz biex trażżan in-nefqa amministrattiva tagħha billi żammet politika tal-persunal stabbli u stretta u billi applikat tnaqqis sostanzjali fin-nefqa mhux relatata mas-salarji, bħal għal-laqgħat u l-kumitati, kemm jista' jkun possibbli. Bl-istess mod, l-istituzzjonijiet l-oħra għamlu l-isforzi kollha possibbli biex ikopru ħtiġijiet addizzjonali permezz tar-riallokazzjoni tar-riżorsi eżistenti u billi pposponew l-investimenti mhux obbligatorji.

Sar kull sforz mill-Istituzzjonijiet biex ikopru l-ħtiġijiet addizzjonali għan-nefqa fuq is-salarji permezz ta' riallokazzjoni. Il-Kumitat tar-Reġjuni biss ma jistax jissodisfa dawn il-ħtiġijiet internament u għalhekk qed jitlob tisħiħ tal-linji tas-salarji. Madankollu, huwa meħtieġ li tissaħħaħ in-nefqa amministrattiva għall-pensjonijiet, li għaliha minbarra r-rata ogħla ta' aġġornament tal-pensjonijiet, l-għadd reali ta' pensjonanti huwa ogħla milli mistenni.

Pensjonijiet

Fir-rigward tan-nefqa tal-pensjonijiet, il-projezzjoni tal-ħtiġijiet sa tmiem l-2024 turi defiċit ta' EUR 71 miljun, minħabba diversi elementi li jwasslu għal żieda fin-nefqa prevista għall-pensjonijiet għall-2024:

- Żieda ogħla ta' benefiċjarji tal-pensjoni (+ 165) matul l-2024 meta mqabbla mas-suppożizzjonijiet użati fil-baġit tal-2024 (+ EUR 14,7 miljun).
- L-impatt tal-bidla fl-aġġustament annwali għall-pensjonijiet deskritt hawn fuq, inkluż il-ħtiġijiet addizzjonali għal 6 xhur minħabba l-aġġornament intermedju tal-pensjonijiet ta' 3,0 % mill-1 ta' Jannar 2024 (EUR 58,1 miljun).

Fl-istess ħin, huwa previst surplus ta' madwar EUR 2 miljun għal-linji baġitarji għan-nefqa tal-pensjonijiet tal-eks Membri tal-Istituzzjonijiet.

L-elementi ta' hawn fuq iwasslu għal defiċit globali ta' EUR 71 miljun għan-nefqa fuq il-pensjonijiet. Qed jiġi propost li jiġu riallokati EUR 3,8 miljun minn linji baġitarji oħra fit-taqsima tal-baġit tal-Kummissjoni li fiha ġew identifikati xi bilanċi pożittivi. B'mod ġenerali, dan jippermetti li t-talba netta għal tisħiħ titniżżel għal EUR 67,2 miljun.

Impatt ġenerali u dettaljat skont it-Taqsimiet

B'mod ġenerali, il-proposta hija li tiżdied in-nefqa mhux differenzjata tal-intestatura 7 (Amministrazzjoni Pubblika Ewropea) bi EUR 68,5 miljun għall-2024. Dan jikkorrispondi għal żieda ta' EUR 1,3 miljun għan-nefqa amministrattiva tal-Kumitat tar-Reġjuni u EUR 67,2 miljun għall-pensjonijiet tal-istituzzjonijiet kollha.

L-impatt globali fuq in-nefqa huwa kif ġej:

Ammonti f'EUR

[16] L-Artikolu 65(1) tar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u l-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra tal-Unjoni Ewropea (RP) jobbligaw lill-Kummissjoni tipprovdi *data* dwar l-impatt baġitarju tar-remunerazzjoni u tal-pensjonijiet tal-uffiċjali tal-Unjoni fid-dawl tal-aġġornament tal-2024 tar-remunerazzjoni u tal-pensjonijiet tal-uffiċjali u ta' aġenti oħra tal-UE kif ukoll il-koeffiċjenti korrettivi li japplikaw għalihom.

	Baġit 2024 (inkluż l-AB 1–2/2024 u l-ABE 2–4/2024)	Abbozz ta' Baġit Emendatorju Nru 5/2024	Baġit 2024
Pensjonijiet u Skejjel Ewropej	**2 812 624 762**	**67 200 000**	**2 879 824 762**
Pensjonijiet	2 565 464 000	67 200 000	2 632 664 000
Skejjel Ewropej	247 160 762		247 160 762
Nefqa amministrattiva tal-istituzzjonijiet	**9 175 375 841**	**1 300 000**	**9 176 675 841**
Kummissjoni	4 221 841 225		4 221 841 225
Istituzzjonijiet oħra	4 953 534 616	1 300 000	4 954 834 616
Parlament Ewropew	2 382 263 574		2 382 263 574
Kunsill	676 881 123		676 881 123
Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea	503 782 531		503 782 531
Qorti tal-Awdituri	185 655 890		185 655 890
Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew	164 945 524		164 945 524
Kumitat tar-Reġjuni	121 878 345	1 300 000	123 178 345
Ombudsman Ewropew	13 667 466		13 667 466
Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*	24 329 460		24 329 460
Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna	880 130 703		880 130 703
Total	**11 988 000 603**	**68 500 000**	**12 056 500 603**

L-impatt dettaljat imqassam skont it-Taqsimiet huwa kif ġej:

Taqsima III – Il-Kummissjoni Ewropea

Ammonti f'EUR

Linja baġitarja	Isem	Approprjazzjoni jiet ta' impenn	Approprjazzjoni jiet ta' pagament
21 01 01	Pensjonijiet u konċessjonijiet	67 200 000	67 200 000
Total		**67 200 000**	**67 200 000**

Taqsima – VII il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni

Ammonti f'EUR

Linja baġitarja	Isem	Approprjazzjoni jiet ta' impenn	Approprjazzjoni jiet ta' pagament
1200	Remunerazzjoni u allowances	1 300 000	1 300 000
Total		**1 300 000**	**1 300 000**

Peress li ma hemm l-ebda marġni disponibbli taħt l-intestatura 7, ma jistax jiġi evitat li jsir rikors għall-Istrument ta' Marġini Uniku taħt l-intestatura 7 għal ammont addizzjonali ta' EUR 68,5 miljun, li jwassal għall-użu tal-Istrument ta' Marġini Uniku fl-Artikolu 11(1)(a) għal ammont ta' EUR 283,5 miljun fl-2024 sabiex ikun hemm konformità mal-obbligi legali.

2.3.2 Nefqa amministrattiva barra mill-Intestatura 7 – aġenziji deċentralizzati

Iż-żieda fl-aġġustament tas-salarji għall-2024 ippreżentata hawn fuq twassal ukoll għal ħtiġijiet addizzjonali għan-nefqa fuq is-salarji fir-rigward tan-nefqa amministrattiva taħt l-Intestaturi 1 sa 6, li l-Kummissjoni setgħet tkopri l-mobilizzazzjoni tal-approprjazzjonijiet li fadal u l-flessibbiltajiet inkorporati.

Min-naħa l-oħra, għall-aġenziji deċentralizzati, il-kamp ta' applikazzjoni għar-riallokazzjonijiet interni huwa limitat u għalhekk il-Kummissjoni tipproponi li żżid il-kontribuzzjoni tal-UE b'1,7 %, applikata għat-Titolu 1 "Nefqa tal-persunal" tal-baġit tal-aġenziji filwaqt li jitqies il-proporzjon bejn il-kontribuzzjoni tal-UE u l-baġit totali tal-aġenziji. Din iż-żieda ta' + 1,7 % tqis l-impatt kemm (1) tal-aġġornament tas-salarji tal-2023 aktar baxx milli mistenni (+ 2,7 %), u (2) ogħla mill-aġġornament tas-

salarji previst għall-bażit 2024 (+ 7,2 %), meta mqabbel mas-suppożizzjonijiet sottostanti għall-Bażit tal-2024 (+ 4,4 % fl-2023 u + 3,4 % fl-2024). Biex jiġi limitat l-impatt, ir-riallokazzjonijiet interni l-ewwel ġew imfittxija biex ikopru l-ħtiġijiet li jirriżultaw mill-impatt tal-aġġornament tas-salarji. Għalhekk, għal xi wħud mill-aġenziji deċentralizzati ma hija meħtieġa l-ebda żieda fil-kontribuzzjoni tal-UE. Barra minn hekk, qed jiġi propost li l-FRONTEX ma tiġix inkluża fiż-żieda, b'mod partikolari minħabba rata ta' postijiet tax-xogħol battala li għadha pjuttost sinifikanti u minħabba li s-salarji jirrappreżentaw porzjon aktar baxx tal-bażit totali tal-aġenzija, u dan iħalli aktar lok għal riallokazzjonijiet interni.

L-impatt globali fuq in-nefqa ta' EUR 12,1 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament huwa dettaljat kif ġej:

- **Intestatura 1 – Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali**

Ammonti f'EUR

Linja bażitarja	Isem	Approprjazzjoni jiet ta' impenn	Approprjazzjoni jiet ta' pagament
02 10 01	Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea (EASA)	361 932	361 932
02 10 03	Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji (ERA)	354 714	354 714
02 10 04	Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà (ENISA)	244 326	244 326
02 10 05	Aġenzija għall-Appoġġ tal-BEREC (l-Uffiċċju BEREC)	81 594	81 594
02 10 06	Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER, Agency for the Cooperation of Energy Regulators)	193 651	193 651
03 10 01 01	Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi — Leġiżlazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi	835 000	835 000
03 10 01 02	Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi — Attivitajiet fil-qasam tal-leġiżlazzjoni dwar il-bijoċidi	86 585	86 585
03 10 02	Awtorità Bankarja Ewropea (EBA, European Banking Authority)	231 319	231 319
03 10 03	Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA, EIOPA)	168 038	168 038
03 10 04	Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA, European Securities and Markets Authority)	216 832	216 832
04 10 01	Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali	404 623	404 623
Total		**3 178 614**	**3 178 614**

- **Sottointestatura 2b – Reżiljenza u Valuri**

Ammonti f'EUR

Linja bażitarja	Isem	Approprjazzjoni jiet ta' impenn	Approprjazzjoni jiet ta' pagament
06 10 01	Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard	712 181	712 181
06 10 02	Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel	1 179 166	1 179 166
06 10 03 01	Kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini	254 425	254 425
07 10 01	Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (Eurofound)	275 758	275 758
07 10 02	Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA)	137 647	137 647
07 10 03	Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (CEDEFOP)	217 343	217 343
07 10 04	Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA, Fundamental Rights Agency)	287 922	287 922
07 10 06	Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ (ETF, European Training Foundation)	283 108	283 108
07 10 07	Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust)	594 629	594 629
07 10 08	Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE)	894 047	894 047
07 10 09	Awtorità Ewropea tax-Xogħol (ELA, European Labour Authority)	266 861	266 861
Total		**5 103 087**	**5 103 087**

- **Intestatura 3 – Riżorsi Naturali u Ambjent**

Ammonti f'EUR

Linja baġitarja	Isem	Approprjazzjoni jiet ta' impenn	Approprjazzjoni jiet ta' pagament
08 10 01	Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd	209 032	209 032
09 10 01	Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi – Direttivi u Konvenzjonijiet internazzjonali ambjentali	55 915	55 915
09 10 02	Aġenzija Ewropea għall-Ambjent	646 569	646 569
Total		**911 516**	**911 516**

- **Intestatura 4 – Migrazzjoni u Ġestjoni tal-Fruntieri**

Ammonti f'EUR

Linja baġitarja	Isem	Approprjazzjoni jiet ta' impenn	Approprjazzjoni jiet ta' pagament
11 10 02	Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja	773 078	773 078
Total		**773 078**	**773 078**

- **Intestatura 5 – Reżiljenza, Sigurtà u Difiża**

Ammonti f'EUR

Linja baġitarja	Isem	Approprjazzjoni jiet ta' impenn	Approprjazzjoni jiet ta' pagament
12 10 01	Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (EUROPOL)	2 002 895	2 002 895
12 10 02	Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL)	89 938	89 938
Total		**2 092 833**	**2 092 833**

2.4 Aġġustamenti addizzjonali għall-aġenziji deċentralizzati

2.4.1 Tisħiħ għall-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL)

Fil-bidu ta' Ġunju 2024, l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL) kienet il-mira ta' sensiela ta' attakki ċibernetiċi. L-inċidenti ġew irrapportati minnufih lis-Servizz taċ-Ċibersigurtà kompetenti għall-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-UE (CERT-UE). Wara investigazzjoni sħiħa mnedija f'kollaborazzjoni mas-CERT-UE, l-aġenzija trid tipproċedi b'bini mill-ġdid sħiħ tal-infrastruttura tal-IT tagħha. Għalhekk, biex tkopri l-ispejjeż immedjati tal-attakki ċibernetiċi u l-impatt tagħhom fuq is-CEPOL, il-Kummissjoni tipproponi li ssaħħaħ il-baġit tas-CEPOL fl-2024.

It-tisħiħ propost tal-kontribuzzjoni tal-UE lis-CEPOL b'ammont ta' EUR 1 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn huwa propost li jiġi paċut kontra l-Fond għas-Sigurtà Interna (ISF). L-istess ammont f'approprjazzjonijiet ta' pagament huwa trasferit mill-ISF għas-CEPOL permezz ta' trasferiment awtonomu.

Ammonti f'EUR

Linja baġitarja	Isem	Approprjazzjoni jiet ta' impenn	Approprjazzjoni jiet ta' pagament
12 10 02	Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL)	1 064 000	0
12 02 01	Fond għas-Sigurtà Interna (ISF)	–1 064 000	0
Total		**0**	**0**

Flimkien maż-żieda relatata mal-aġġornament tas-salarji msemmija hawn fuq (EUR 89 938 f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament), iż-żieda totali proposta għas-CEPOL hija ta' EUR 1 153 938.

2.4.2 Tisħiħ għall-eu-LISA

Wara żidiet fil-kostijiet ogħla minn dawk ibbaġitjati relatati mal-istadju importanti "Wave 2" tal-eu-LISA u l-kuntratti qafas korrispondenti (b'mod partikolari s-sistema ta' awtorizzazzjoni ta' qabel l-ivvjaġġar għall-vjaġġaturi eżentati mill-viża (ETIAS) u r-rekwiżiti tal-interoperabbiltà), il-Kummissjoni tipproponi li l-baġit tal-eu-LISA jiżdied bi EUR 17 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn. It-tisħiħ tal-baġit huwa meħtieġ biex jiġi żgurat b'mod partikolari l-finanzjament taż-żewġ kuntratti qafas ewlenin użati mill-eu-LISA, jiġifieri l-Qafas tal-Inġinerija Trasversali u l-Qafas tal-Operazzjonijiet Trasversali, il-kostijiet tan-network u l-aġġustamenti kuntrattwali, l-espansjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tas-servizzi web u rekwiżiti akbar għall-forniturи esterni f'appoġġ dirett għall-operazzjonijiet tal-eu-LISA.

L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil (EUAA) identifikat surplus fil-baġit tagħha minħabba sottoimplimentazzjoni fil-linji operazzjonali tagħha (pjanijiet operazzjonali mal-Istati Membri) u reklutaġġi ġodda tal-persunal aktar bil-mod milli mistenni. Għalhekk, iż-żieda ta' EUR 17 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn hija proposta li tiġi ffinanzjata permezz ta' tnaqqis kumpensatorju tal-kontribuzzjoni tal-UE għall-EUAA. It-"Trasferiment Globali" jinkludi wkoll tnaqqis ulterjuri tal-baġit tal-EUAA b'EUR 10 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament, li jsaħħaħ il-linja ewlenija BMVI li tiffinanzja l-pagamenti interim pendenti.

Konsegwentement, l-aġġustamenti proposti — newtrali għall-baġit — huma kif ġej:

Ammonti f'EUR

Linja baġitarja	Isem	Approprjazzjonijiet ta' impenn	Approprjazzjonijiet ta' pagament
11 10 02	Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja	17 000 000	0
10 10 01	Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil	–17 000 000	0
Total		**0**	**0**

Flimkien maż-żieda relatata mal-aġġornament tas-salarji msemmija hawn fuq (EUR 773 078 f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament), iż-żieda totali proposta għall-eu-LISA hija ta' EUR 17 773 078.

2.4.3 Tnaqqis għall-Awtorità għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus (AMLA)

L-Awtorità għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus (AMLA) għadha f'fażi ta' stabbiliment u l-proċess qed jieħu aktar żmien milli kien antiċipat inizjalment. Dan huwa relatat b'mod partikolari mar-reklutaġġi. Għalhekk, wara l-ewwel xhur tal-iżvilupp tagħha, il-ħtieġa għall-approprjazzjonijiet fl-2024 ġiet riveduta 'l isfel. Għalhekk huwa propost li l-kontribuzzjoni tal-UE għall-AMLA titnaqqas b'EUR 0,75 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn, kif indikat hawn taħt.

Ammonti f'EUR

Linja baġitarja	Isem	Approprjazzjonijiet ta' impenn	Approprjazzjonijiet ta' pagament
30 02 02	Approprjazzjonijiet differenzjati (Riżerva għall-artikolu baġitarju 03 10 05)	–750 281	0
Total		**–750 281**	**0**

2.4.4 Ritorn ta' riżerva għall-programm LIFE – L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) u l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA)

Minħabba dewmien fl-adozzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni dwar il-"Pakkett ta' Tniġġis Żero" li għalih għadhom għaddejjin in-negozjati, il-kompiti l-ġodda proposti assenjati lill-ECHA u lill-EEA mhux se jibdew fl-2024. Fil-baġit tal-2024, l-approprjazzjonijiet korrispondenti ta' EUR 2,8 miljun, li

joriġinaw mill-programm LIFE, tqiegħdu f'riżerva għall-benefiċċju ta' dawn iż-żewġ aġenziji, sakemm isir progress fil-pakkett leġiżlattiv. Għalhekk, f'dan l-ABE 5/2024 il-Kummissjoni tipproponi li tirritorna l-approprjazzjonijiet korrispondenti għall-programm LIFE, kif ġej:

Ammonti f'EUR

Linja baġitarja	Isem	Approprjazzjonijiet ta' impenn	Approprjazzjonijiet ta' pagament
30 02 02	Approprjazzjonijiet differenzjati (Riżerva għall-artikolu baġitarju 09 10 01)	–1 596 375	–1 596 375
30 02 02	Approprjazzjonijiet differenzjati (Riżerva għall-artikolu baġitarju 09 10 02)	–1 187 476	–1 187 476
09 02 02	Ekonomija ċirkolari u kwalità tal-ħajja	2 783 851	0
09 02 99	Tlestija ta' programmi preċedenti fil-qasam tal-ambjent u l-azzjoni klimatika (LIFE)	0	2 783 851
Total		**0**	**0**

2.5 Tnaqqis fl-approprjazzjonijiet ta' impenn – Proċeduri għall-għoti u r-reklamar ta' kuntratti pubbliċi ta' provvista, xogħlijiet u servizzi

Ġie identifikat surplus ta' EUR 2,9 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn għal-linja baġitarja 03 20 03 01. Dan huwa dovut għal iffrankar sinifikanti wara d-deċiżjoni li tintuża traduzzjoni awtomatika fuq talba tal-avviżi tal-Istituzzjonijiet tal-UE. Ammont ta' EUR 0,5 miljun se jiġi trasferit permezz ta' trasferiment awtonomu għal miżuri oħra fil-qasam tas-suq intern, filwaqt li l-ammont li jifdal ta' EUR 2,4 miljun huwa propost li jiġi kkanċellat f'dan l-ABE 5/2024.

Ammonti f'EUR

Linja baġitarja	Isem	Approprjazzjoni jiet ta' impenn	Approprjazzjoni jiet ta' pagament
03 20 03 01	Proċeduri għall-għoti u r-riklamar ta' forniment pubbliku, kuntratti ta' xogħol u servizzi	-2 420 000	0
Total		**-2 420 000**	**0**

2.6 Mekkaniżmu ta' Kooperazzjoni ta' Self għall-Ukrajna (ULCM)

F'Ġunju 2024, il-Kunsill Ewropew stieden lill-Kummissjoni, lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kunsill biex imexxu 'l quddiem il-ħidma biex jipprovdu finanzjament addizzjonali lill-Ukrajna sa tmiem is-sena[17]. F'konformità mar-riżultati tas-summit tal-G7 tat-13–15 ta' Ġunju 2024 dan jieħu l-forma ta' self servut u mħallas lura minn flussi futuri tad-dħul straordinarju li jirriżulta minn assi sovrani Russi immobilizzati. Konsegwentement, fl-20 ta' Settembru 2024, il-Kummissjoni pproponiet Regolament li jistabbilixxi l-Mekkaniżmu ta' Kooperazzjoni ta' Self għall-Ukrajna (ULCM) u li jipprovdi assistenza makrofinanzjarja eċċezzjonali lill-Ukrajna[18]. L-ULCM se jappoġġa lis-sħab tal-G7 fil-ħruġ ta' self lill-Ukrajna b'mod parallel mas-self eċċezzjonali tal-AMF tal-UE bil-ħsieb li jintlaħaq l-ammont totali previst fis-summit tal-G7. Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' timmaniġġja l-operazzjonijiet baġitarji relatati fil-ħin mal-adozzjoni tar-Regolament ULCM, il-Kummissjoni tipproponi li tagħmel l-aġġustamenti addizzjonali kollha meħtieġa għan-nomenklatura tal-baġit u r-rimarki baġitarji għas-sena 2024 f'dan l-ABE 5/2024. Għaldaqstant, il-Kummissjoni tipproponi li toħloq linja baġitarja ġdida fi ħdan kapitolu ddedikat ġdid 14 11 (mingħajr approprjazzjonijiet) kif ġej:

EUR

Linja baġitarja	Isem	Approprjazzjoni jiet ta' impenn	Approprjazzjoni jiet ta' pagament
14 11 01	Mekkaniżmu ta' Kooperazzjoni ta' Self għall-Ukrajna	p.m.	p.m.
Total		**p.m.**	**p.m.**

[17] EUCO 15/24.

[18] COM(2024) 426 final.

Ir-rimarki korrispondenti tal-baġit huma stabbiliti fl-anness baġitarju.

3. AĠĠORNAMENT TAD-DĦUL

L-ABE 5/2024 jipproponi li fil-baġit tal-2024 jiġi inkorporat ammont ta' EUR 2 815-il miljun f'multi definittivi u pagamenti ta' penali mħallsa sa Ottubru 2024. Qed jiġi propost ukoll li tinħoloq linja ta' dħul ġdida għall-ULCM f'artikolu ġdid "Appoġġ għall-Ukrajna".

Fid-data tal-adozzjoni ta' dan l-ABE 5/2024, l-ebda dħul negattiv ma ġie inkluż fil-baġit tal-2024, wara l-ħolqien ta' din il-possibbiltà fir-Regolament Finanzjarju (riformulazzjoni), japplika mit-30 ta' Settembru 2024[19]. L-ammonti eżatti ta' pagamenti ta' mgħax kumpensatorju li għandhom isiru huma fil-proċess li jiġu stabbiliti. Riżerva suffiċjenti ta' madwar EUR 1 200 miljun minn multi definittivi tibqa' disponibbli biex tkopri dawn il-pagamenti sa tmiem is-sena. Ladarba jitħallas, id-dħul negattiv se jiġi inkluż fil-linja baġitarja speċifika 4 2 5 "Imgħax, imposti oħra dovuti u redditi negattivi fuq multi kkanċellati jew imnaqqsa". Dettalji addizzjonali dwar l-ammonti u t-tranżazzjonijiet rilevanti se jiġu pprovduti wkoll fil-qafas tal-proċedura baġitarja annwali lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Qed jiġi propost ukoll li tinħoloq linja ta' dħul ġdida għall-ULCM f'artikolu ġdid "Appoġġ għall-Ukrajna".

3.1 Multi u ħlasijiet ta' penali

Meta jitqiesu l-multi definittivi u l-pagamenti ta' penali mħallsa sa Ottubru 2024, huwa propost li jiddaħħlu l-ammonti li ġejjin fil-baġit tal-2024:

a) EUR 2 502 miljun ta' multi tal-kompetizzjoni.

b) EUR 52 miljun ta' pagamenti ta' penali u somom f'daqqa imposti fuq Stati Membri li ma osservawx is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea dwar in-nuqqas tagħhom li jissodisfaw obbligu skont it-Trattati.

c) EUR 257 miljun ta' mgħax marbut ma' multi u pagamenti ta' penali.

d) EUR 4 miljun ta' multi u pagamenti ta' penali mhux assenjati oħrajn, prinċipalment għal primjums għall-eċċess ta' emissjonijiet.

Għalhekk qed jiġi propost li jiżdiedu l-ammonti rrappurtati fl-ABE 4/2024 ta' EUR 614 miljun b'EUR 2 815 miljun, u b'hekk jammontaw għal EUR 3 429 miljun.

Fit-tabella ta' hawn taħt hemm id-dettalji għal kull linja baġitarja.

EUR

Linja tad-dħul	Isem	Baġit 2024	ABE 5/2024	Ammont ġdid
4 2 0	Multi b'rabta mal-implimentazzjoni tar-regoli dwar il-kompetizzjoni	257 464 207	2 502 502 303	2 759 966 510
4 2 1	Pagamenti ta' penali u somom f'daqqa imposti fuq Stat Membru	340 653 167	51 929 451	392 582 618
4 2 4	Imgħax konness mal-multi u mal-pagamenti ta' penali	9 802 092	256 590 258	266 392 350
4 2 9	Pagamenti ta' multi u penali oħrajn mhux assenjati	6 400 685	3 875 627	10 276 312
Total		**614 320 151**	**2 814 897 639**	**3 429 217 790**

[19] ĠU L, 2024/2509, 26.09.2024, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj.

3.2 Impatt fuq il-kontribuzzjoni għar-riżorsa proprja bbażata fuq l-ING għall-2024

Il-kontribuzzjonijiet riveduti tar-riżorsi proprji bbażati fuq l-ING meta mqabbla mal-ABE 4/2024 huma stabbiliti fit-tabella li ġejja:

Stat Membru	ABE 4/2024	ABE 5/2024	Ammont ġdid
	(1)	(2)	(3) = (1) +(2)
Il-Belġju	3 137 520 826	4 860 827	3 142 381 653
Il-Bulgarija	490 929 862	760 577	491 690 439
Ir-Repubblika Ċeka	1 524 718 132	2 362 181	1 527 080 313
Id-Danimarka	2 045 789 860	3 169 456	2 048 959 316
Il-Ġermanja	22 584 558 382	34 989 295	22 619 547 677
L-Estonja	192 975 003	298 968	193 273 971
L-Irlanda	2 070 413 423	3 207 603	2 073 621 026
Il-Greċja	1 163 139 703	1 802 003	1 164 941 706
Spanja	7 768 960 009	12 036 120	7 780 996 129
Franza	15 077 255 983	23 358 553	15 100 614 536
Il-Kroazja	425 510 887	659 226	426 170 113
L-Italja	10 942 787 228	16 953 195	10 959 740 423
Ċipru	145 650 292	225 650	145 875 942
Il-Latvja	212 177 297	328 717	212 506 014
Il-Litwanja	374 044 146	579 491	374 623 637
Il-Lussemburgu	275 312 135	426 529	275 738 664
L-Ungerija	1 035 987 565	1 605 011	1 037 592 576
Malta	95 647 207	148 182	95 795 389
In-Netherlands	5 464 910 293	8 466 554	5 473 376 847
L-Awstrija	2 527 403 838	3 915 600	2 531 319 438
Il-Polonja	4 123 400 650	6 388 210	4 129 788 860
Il-Portugall	1 388 121 069	2 150 557	1 390 271 626
Ir-Rumanija	1 745 902 426	2 704 853	1 748 607 279
Is-Slovenja	334 363 876	518 016	334 881 892
Ir-Repubblika Slovakka	647 634 542	1 003 353	648 637 895
Il-Finlandja	1 439 287 560	2 229 827	1 441 517 387
L-Iżvezja	3 074 333 659	4 762 935	3 079 096 594
Total	**90 308 735 853**	**139 911 489**	**90 448 647 342**

3.3 Bidla fin-nomenklatura wara l-adozzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni li tistabbilixxi l-ULCM u li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja eċċezzjonali lill-Ukrajna

Bħala konsegwenza tal-adozzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-ULCM u li jipprovdi assistenza makrofinanzjarja eċċezzjonali lill-Ukrajna (ara t-taqsima 3.1 hawn taħt), huwa propost li tinħoloq linja ta' dħul ġdida f'artikolu għall-appoġġ tal-Ukrajna: 6 6 4 2 "Mekkaniżmu ta' Kooperazzjoni ta' Self għall-Ukrajna". Barra minn hekk, qed jiġi propost li tiġi inkluża korrezzjoni teknika biex tiġi aġġustata r-referenza tal-linja baġitarja għall-Faċilità għall-Ukrajna minn "6 6 4" għal "6 6 4 0".

Ir-rimarki korrispondenti tal-baġit huma stabbiliti fl-anness baġitarju.

4. FINANZJAMENT

B'mod ġenerali, l-impatt nett ta' dan l-ABE 5/2024 huwa żieda ta' EUR 44,5 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' EUR 2 954,8 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament taħt il-baġit tal-2024.

Fir-rigward tal-impatt tal-aġġornament rivedut tas-salarji għall-2024, minħabba n-nuqqas ta' marġnijiet u lok għar-riallokazzjoni taħt is-sottointestatura 2b u taħt l-intestatura 5, il-Kummissjoni tipproponi li timmobilizza l-Istrument ta' Flessibbiltà f'konformità mal-Artikolu 12 tar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093[20] f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament għal ammont ta' EUR 5,1 miljun għas-sottointestatura 2b Reżiljenza u Valuri biex tiżdied il-kontribuzzjoni tal-UE għal diversi aġenziji deċentralizzati u għal ammont ta' EUR 2,1 miljun għall-intestatura 5 biex tiżdied il-kontribuzzjoni tal-UE lill-Europol u lis-CEPOL. Barra minn hekk, iż-żieda fin-nefqa għall-intestatura 7 twassal għal żieda fl-ammonti proposti li jiġu mobilizzati mill-Istrument ta' Marġini Uniku bi EUR 68,5 miljun.

L-approprjazzjonijiet ta' pagament tal-2024 relatati mal-mobilizzazzjoni tal-Istrument ta' Flessibbiltà fis-snin 2021 sal-2024 huma stmati għal EUR 1 758,3 miljun, fi prezzijiet attwali. L-iskeda ta' pagamenti stmati tal-ammonti pendenti relatati għal dawn is-snin hija dettaljata fit-tabella li ġejja:

Strument ta' Flessibbiltà – profil ta' pagament (f'miljuni ta' EUR)					
Sena ta' mobilizzazzjoni	**2024**	**2025**	**2026**	**2027**	**Total**
2021	7,6	0	0	0	**7,6**
2022	49,8	36,7	0	0	**86,5**
2023	279	120,6	83,2	0	**482,8**
2024	1 421,9	107,6	83,7	46,3	**1 659,5**
Total	**1 758,3**	**264,9**	**166,9**	**46,3**	**2 236,4**

[20] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 11–22, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2020/2093/oj).

5. TABELLA FIL-QOSOR SKONT L-INTESTATURA TAL-QFP

F'EUR

		Bagit 2024 (inkluż l-AB 1–2/2024, l-ABE 2–4/2024)		Abbozz ta' Bagit Emendatorju Nru 5/2024		Bagit 2024 (inkluż l-AB 1–2/2024, l-ABE 2–4-5/2024)	
		CA	PA	CA	PA	CA	PA
1	**Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali**	**21 492 216 821**	**20 826 810 837**	**8 333**	**3 178 614**	**21 492 225 154**	**20 829 989 451**
	Limitu Massimu	*21 598 000 000*				*21 598 000 000*	
	Marġini	*105 783 179*		*–8 333*		*105 774 846*	
2	**Koeżjoni, Reżiljenza u Valuri**	**74 577 476 949**	**33 732 782 204**	**5 103 087**	**2 905 103 087**	**74 582 580 036**	**36 637 885 291**
	Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà	*1 306 281 333*		*5 103 087*		*1 311 384 420*	
	Limitu Massimu	*73 289 000 000*				*73 289 000 000*	
	Marġini	*17 804 384*				*17 804 384*	
2a.	Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali	64 665 195 616	24 155 654 152		2 900 000 000	64 665 195 616	27 055 654 152
	Limitu Massimu	*64 683 000 000*				*64 683 000 000*	
	Marġini	*17 804 384*				*17 804 384*	
2b.	Reżiljenza u valuri	9 912 281 333	9 577 128 052	5 103 087	5 103 087	9 917 384 420	9 582 231 139
	Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà	*1 306 281 333*		*5 103 087*		*1 311 384 420*	
	Limitu Massimu	*8 606 000 000*				*8 606 000 000*	
	Marġini						
3	**Riżorsi Naturali u Ambjent**	**57 338 630 839**	**54 151 402 941**	**-31 946 050**	**-24 838 484**	**57 306 684 789**	**54 126 564 457**
	Limitu Massimu	*57 449 000 000*				*57 449 000 000*	
	Marġini	*110 369 161*		*31 946 050*		*142 315 211*	
	Li minnhom: Nefqa relatata mas-suq u pagamenti diretti	**40 517 278 000**	**40 505 482 213**			**40 517 278 000**	**40 505 482 213**
	Sottolimitu tal-FAEG	*41 649 000 000*				*41 649 000 000*	
	Ittondjar tad-differenza eskluż għall-kalkolu tas-sottomarġini	*722 000*				*722 000*	
	Trasferimenti netti bejn l-FAEG u l-FAEŻR	*–1 046 000 000*				*–1 046 000 000*	
	Bilanċ nett disponibbli għan-nefqa tal-FAEG (is-sottolimitu korrett bit-trasferimenti bejn l-FAEG u l-FAEŻR)	*40 603 000 000*				*40 603 000 000*	
	Sottomarġini tal-FAEG	*85 722 000*				*85 722 000*	
4	**Migrazzjoni u Ġestjoni tal-Fruntieri**	**3 892 705 671**	**3 248 967 443**	**773 078**	**773 078**	**3 893 478 749**	**3 249 740 521**
	Limitu Massimu	*4 020 000 000*				*4 020 000 000*	
	Marġini	*127 294 329*		*–773 078*		*126 521 251*	
5	**Sigurtà u Difiża**	**2 697 177 926**	**2 035 413 531**	**2 092 833**	**2 092 833**	**2 699 270 759**	**2 037 506 364**
	Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà	*317 177 926*		*2 092 833*		*319 270 759*	
	Limitu Massimu	*2 380 000 000*				*2 380 000 000*	
	Marġini						
6	**Viċinat u d-Dinja**	**16 731 000 000**	**15 315 050 313**			**16 731 000 000**	**15 315 050 313**
	Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà	*28 828 204*				*28 828 204*	
	Li minnhom skont l-Istrument ta' Marġni Uniku 11(1)(a)	*371 171 796*				*371 171 796*	

	Baġit 2024 (inkluż l-AB 1–2/2024, l-ABE 2–4/2024)		Abbozz ta' Baġit Emendatorju Nru 5/2024		Baġit 2024 (inkluż l-AB 1–2/2024, l-ABE 2–4-5/2024)	
	CA	**PA**	**CA**	**PA**	**CA**	**PA**
Limitu Massimu	*16 331 000 000*				*16 331 000 000*	
Marġini						
7 Amministrazzjoni Pubblika Ewropea	**11 988 000 603**	**11 988 000 603**	**68 500 000**	**68 500 000**	**12 056 500 603**	**12 056 500 603**
Li minnhom skont l-Istrument ta' Marġni Uniku 11(1)(a)	*215 000 603*		*68 500 000*	*68 500 000*	*283 500 603*	
Limitu Massimu	*11 773 000 000*				*11 773 000 000*	
Marġini						
li minnhom: Nefqa amministrattiva tal-istituzzjonijiet	**9 175 375 841**	**9 175 375 841**	**1 300 000**	**1 300 000**	**9 176 675 841**	**9 176 675 841**
Sottolimitu	*9 006 000 000*				*9 006 000 000*	
Sottomarġini						
Approprjazzjonijiet ghal intestaturi	**188 717 208 809**	**141 298 427 872**	**44 531 281**	**2 954 809 128**	**188 761 740 090**	**144 253 237 000**
Limitu Massimu	***186 840 000 000***	***170 543 000 000***			***186 840 000 000***	***170 543 000 000***
Li minnhom taht l-Istrument ta' Flessibbiltà	***1 652 287 463***	***1 751 178 297***	***7 195 920***	***7 195 920***	***1 659 483 383***	***1 758 374 217***
Li minnhom skont l-Istrument ta' Marġni Uniku 11(1)(a)	***586 172 399***		***68 500 000***		***654 672 399***	
Marġini	***361 251 053***	***30 995 750 425***	***31 164 639***		***392 415 692***	***28 048 137 217***
Strumenti tematiċi speċjali	**6 517 600 432**	**5 491 076 559**			**6 517 600 432**	**5 491 076 559**
Total tal-approprjazzjonijiet	**195 234 809 241**	**146 789 504 431**	**44 531 281**	**2 954 809 128**	**195 279 340 522**	**149 744 313 559**